MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 2710/1997/2

**Dorothy GRECH mart Emanuel**

**vs**

**Deborah FENECH De FREMAUX**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-26 ta' Novembru, 1997, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attriċi talbet li l-ġid tal-wirt ta' missierha jiġi likwidat, jekk meħtieġ wara li jiġi dikjarat li r-raġuni msemmija minnu fit-testment tiegħu li bis-saħħa tagħha neħħiha mill-wirt ma tgħoddx fil-liġi. Talbet ukoll li tingħata s-sehem tagħha tal-leġittima skond il-liġi u li oħtha l-imħarrka tiġi kundannata tħallasha dak is-sehem jew tgħaddilha s-sehem hekk likwidat mill-imsemmi wirt;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-12 ta' Novembru, 1998[1], li bih ħatret bħala Assistent Ġudizzjarju tagħha lill-Avukat Josette Demicoli, biex tisma' l-provi tal-attriċi;

Rat id-degriet tat-12 ta' Jannar, 1999, li bih u għar-raġunijiet imsemmija fil-verbal tas-smigħ ta' dak inhar, il-Qorti tat lill-imħarrka żmien biex tressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet u ħassret il-ħatra li kienet ingħatat lill-Assistent Ġudizzjarju;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-18 ta' Jannar, 1999, li biha l-imħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li missierha kellu raġuni tajba għaliex neħħa lill-attriċi mill-wirt, u dan għall-finijiet tal-artikolu 623(ċ) tal-Kodiċi Ċivili. Għalhekk, tgħid li l-attriċi ma jistħoqqilhiex tieħu l-leġittima;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat il-verbal tas-smigħ tad-29 ta' April, 2002, li fih il-partijiet għarrfu lill-Qorti li kienu qegħdin jistudjaw proposta biex jirranġaw il-kwestjoni ta' bejniethom barra l-Qorti;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Mejju, 2003, li bih u wara li l-partijiet kienu għarrfuha li ma kinux laħqu ftehim bonarju bejniethom, iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u ordnat li ssir it-trattazzjoni dwar l-ewwel talba attriċi;

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta' Ottubru, 2003, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ħassret *contrario imperio* l-imsemmi degriet tagħha ta' qabel;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-attriċi;

Rat l-atti tal-kawża;
Rat id-degrieti tagħha tas-27 ta' Mejju, 2004, tal-4 ta' Novembru, 2004, tat-2 ta' Diċembru, 2004, tat-22 ta' Marzu, 2005, tal-14 ta' April, 2005, tat-12 ta' Mejju, 2005,

---

[1] Paġ. 14 tal-proċess

u tas-6 ta’ Ottubru, 2005, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-ewwel talba attriċi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal-leġittima. L-attriċi tgħid li missierha miet testat, iżda neħħiha għal kollox mill-wirt għal raġuni li hija tqis li ma kinitx waħda tajba fil-liġi. Fit-testment tiegħu, missierha neħħiha mill-wirt għar-raġuni hemm dikjarata li hija naqset li teħilsu mill-ħabs, bla raġuni tajba, u meta setgħet tagħmel dan. Huwa jżid jiddikjara li hija tat xhieda kontrih f’Qorti u li, minħabba f’dik ix-xhieda, intbagħat il-ħabs, u dan meta hija setgħet tat xhieda mod ieħor li minnha kien jeħles minn dik il-piena. Missierha ħalla b’werrieta tiegħu lil bintu l-oħra, oħt l-attriċi. L-attriċi trid sehemha mil-leġittima mingħand oħtha, wara li l-wirt jiġi likwidat;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrka tilqa’ billi tgħid li missierha għamel sewwa li qala’ ’l bintu ’l barra mill-wirt, u li dan għamlu għal raġuni li hija maħsuba mil-liġi;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar jekk kienx hemm raġuni tajba fil-liġi biex l-attriċi titħalla ’l barra mill-wirt ta’ missierha;

Illi l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża rilevanti għas-sentenza li qegħda tingħata llum, juru li l-attriċi u l-imħarrka huma aħwa tar-rispett. Huma wlied l-istess missier minn ommijiet differenti. Raphael Fenech De Fremaux, missier il-partijiet, miet f’Settembru tal-1997. Matul l-1973, fuq talba (kwerela) ta’ martu, huwa kien tressaq il-Qorti u għadda minn proċeduri kriminali mixli li, fuq medda ta’ żmien, ikkorrompa lill-attriċi, li dak iż-żmien kienet għadha taħt l-eta’. F’April, 1974, huwa nstab ħati wara li għadda ġuri[2]. Mill-istess sentenza, jirriżulta wkoll li huwa kien diġa’ nstab ħati qabel tal-istess reat. Is-sentenza kienet konfermata fl-appell fil-15 ta’ Lulju tal-istess sena[3]. Huwa kien kundannat tliet (3) snin ħabs

[2] Dok “DG1”, f’paġ. 70 tal-proċess
[3] Paġġ. 51-7 tal-proċess

b'xogħol iebes u mneħħi mis-setgħa tal-ġenitur[4] fuq l-istess minuri. Dak iż-żmien, l-attriċi kien għad għandha madwar għaxar (10) snin;

Illi bejn l-1982 u l-1995 huwa għamel sensiela ta' testmenti: l-ewwel darba li neħħa lill-attriċi minn werrieta tiegħu kien fit-testment ta' 1 ta' Settembru, 1982[5]. Dak iż-żmien kienet il-wild waħdieni magħruf tiegħu. Fit-testment tal-21 ta' Mejju, 1991[6], reġa' tenna t-tneħħija tal-attriċi minn werrieta tiegħu u ħatar lill-imħarrka bħala l-werrieta universali waħdanija tiegħu. L-imħarrka twieldet fl-1976. Fit-3 ta' Lulju, 1995[7], huwa għamel l-aħħar testment pubbliku tiegħu li bih ħassar kull testment ieħor li kien għamel sa qabel dakinhar, reġa' neħħa lill-attriċi minn kull sehem mill-wirt tiegħu, ħalla lil bintu l-oħra werrieta universali, u ħalla wkoll legat lil oħtu ta' kull sehem li seta' kellu f'post f'Birkirkara. Il-kawża nfetħet f'Novembru tal-1997;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-każ li l-Qorti għandha quddiemha, irid jingħad li l-għan ewlieni li l-attriċi trid tilħaq bl-azzjoni tagħha huwa dak li tiggarantixxi l-għoti lilha mill-wirt ta' missierha tas-sehem ta' leġittima li l-liġi tirriżervalha. L-azzjoni m'hijiex maħsuba għat-tħassir tat-testment ta' missierha. Hija maħsuba biss li twaqqa' r-raġuni li t-testatur missierha semma biex iġġustifika li jaqtagħha għal kollox mill-wirt tiegħu. Id-diżeredazzjoni għandha l-effett li, fejn tkun tgħodd u fil-każijiet maħsuba mil-liġi, saħansitra ċċaħħad lil min ikun hekk intitolat ukoll minn dak is-sehem riżervat;

Illi l-jedd tad-diżeredazzjoni huwa kontrollat mill-awtorita' ġudizzjarja biex jiġi mistħarreġ jekk kemm-il darba r-raġuni msemmija mit-testatur kinitx tiswa jew le. Testatur li jagħmel użu ħażin minn dak il-jedd jitqies bħallikieku ma eżerċitahx[8]. Il-gravita' tar-raġuni li dwarha testatur jista'

[4] Dak iż-żmien kienet għadha tissejjaħ "setgħa tal-missier" (*patria potestas*)
[5] Dok "FD2", f'paġ. 160-1 tal-proċess
[6] Dok "FD3", f'paġġ. 162-3 tal-proċess
[7] Dokti. "DG3" u "FD4", f'paġġ. 24-5 u 163-4 tal-proċess
[8] App. Ċiv. **14.11.1938** fil-kawża fl-ismijiet ***Bartolo et vs Camilleri noe et*** (Kollez. Vol: **XXX.i.240**)

jiddeżereda werriet għandha tkun tali li mhux kull għamil meqjus bħala offensiv mit-testatur jagħti raġuni għad-diżeredazzjoni[9];

Illi d-diżeredazzjoni hija meqjusa bħala ċirkostanza eċċezzjonali li fiha t-testatur ikun jista' jħalli barra mill-wirt tiegħu lil min, mod ieħor, huwa bil-liġi mħolli dak il-jedd. Fi kliem ieħor, f'sistema ġuridiku bħalma huwa dak Malti fejn it-testatur m'huwiex mogħti liberta' sħiħa dwar kif jiddisponi minn ġidu għal wara mewtu, id-diżeredazzjoni hija "rimedju" li jingħata lit-testatur dwar persuna li – kieku mhux għal raġuni serja u gravi maħsuba fil-liġi[10] – kien ikollha jedd għal-leġittima. Hija ċirkostanza li tmur kontra r-regola, u għalhekk hija mħarsa b'normi speċjali bil-għan li persuna ma titneħħiex kapriċċjożament mill-jedd li tieħu s-sehem minimu li jmissha skond il-liġi. Fuq kollox, id-diżeredazzjoni hija għamla ta' kastig li t-testatur jista' jimponi minħabba xi għamil jew omissjoni li għaliha jkun jaħti l-werriet. B'differenza miċ-ċirkostanzi fejn persuna ma jkunx jistħoqqilha tiret lit-testatur[11], id-diżeredazzjoni hija sanzjoni li huwa t-testatur innifsu li jagħżel li jimponiha, u hija meqjusa bħala istitut odjuż li jmissu jitneħħa[12]. Kemm hu hekk, fil-bidliet li saru dan l-aħħar fil-liġi tas-Suċċessjoni, id-diżeredazzjoni tal-axxendenti tneħħiet[13], iżda l-leġislatur ma deherlux li huwa l-waqt li titneħħa wkoll dik tad-dixxendenti;

Illi l-liġi trid li r-raġuni tad-diżeredazzjoni tissemma espressament fit-testment[14] u l-prova tagħha trid issir mill-persuna li tallegaha[15]. Ir-raġuni li tissemma trid ukoll tkun waħda mir-raġunijiet imsemmijin fil-liġi f'lista li hija tassattiva u ma tippremetix tifsir b'analoġija. It-tifsir tar-raġuni tad-diżeredazzjoni għandu jkun wieħed restrittiv favur il-persuna mneħħija mill-wirt u mhux tifsir kontriha[16]. Iżda fejn ir-raġuni għad-diżeredazzjoni ma tissemmiex jew

[9] P.A. **20.3.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Attard Montalto vs Attard Montalto*** (Kollez. Vol: **XXXIII.ii.357**)
[10] Raġuni serja u gravi biżżejjed li tista' ċċaħħad il-jedd tal-manteniment skond l-artikolu 32 tal-Kap 16
[11] Ara l-art. 605(1) tal-Kap 16
[12] Caruana Galizia Notes on Civil Law – Law on Succession ,paġġ. 1003-4
[13] L-artikolu 624 tal-Kodiċi Ċivili tħassar bl-art. 65 tal-Att XVIII tal-2004
[14] Art. 622 tal-Kap 16
[15] Art. 625(1) tal-Kap 16
[16] P.A. **7.1.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Bartolo vs Bartolo et*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.880**)

ma tiġix pruvata, l-persuna li tkun tneħħiet mill-wirt ikollha biss jedd għal-leġittima[17]. Dan huwa sewwasew dak li qegħda titlob l-attriċi fl-azzjoni tagħha;

Illi r-raġuni li t-testatur semma kienet dik li l-attriċi naqset li teħilsu mill-ħabs[18]. Fit-testment, huwa jsemmi wkoll l-artikolu tal-liġi li, fil-fehma tiegħu, isejjes ir-raġuni tal-għamil ta' diżeredazzjoni[19]. Huwa jfisser din ir-raġuni f'aktar minn testment wieħed, magħdud l-aħħar wieħed, billi jgħid li fil-proċeduri kriminali li tmexxew kontrih, l-attriċi setgħet xehdet is-sewwa u b'hekk ma kienx jinstab ħati. Issa, apparti mill-fatt jekk raġuni bħal dik tistax titqies li taqa' taħt il-kappa tal-artikolu tal-liġi in kwestjoni, jidher li t-testatur m'għarafx li l-għoti tax-xhieda min-naħa tal-attriċi fil-proċeduri kriminali meħudin kontrih kienu r-riżultat ta' kwerela li saret minn ħaddieħor (il-mara tiegħu li minnha kien mifrud personalment), u ma kinux ir-riżultat ta' xilja falza min-naħa tal-istess attriċi. Jidher (mid-dibattitu tal-aggravji li huwa kien ressaq quddiem il-Qorti tal-Appell) li l-ilment tiegħu li l-attriċi kienet xehdet kif xehdet għaliex imġegħla minn ommha, kien ġie mgħarbel sewwa minn dik il-Qorti u ma tqiesx bħala argument siewi li joħroġ mill-atti. Jidher ukoll li, f'għajnejn il-ġurati u l-istess Qorti tal-Appell Kriminali, x-xhieda tal-attriċi kienet rifless ta' dak li seħħ tassew. Meta missier l-attriċi deherlu li l-attriċi messha xehdet mod ieħor kien, fil-fatt, qiegħed jilminta li bintu messha ma qalitx is-sewwa. Wieħed hawn irid iżomm quddiem għajnejh ukoll li l-attriċi kienet il-vittma tar-reat li kien mixli bih missierha, u wieħed għandu għaliex jaħseb li dak li għaddiet minnu wkoll meta ntalbet tagħti x-xhieda tagħha f'dawk il-proċeduri kien passaġġ kiefer u iebes f'ħajjitha li, aktar u aktar f'persuna ta' eta' żgħira bħalma kienet l-attriċi f'dak iż-żmien, ma jistax ma jħallix il-ġerħa permanenti tiegħu fuqha;

Illi, fil-fehma tal-Qorti u wara li ħasbet fit-tul dwar il-fatti li joħorġu fil-każ, il-fatt tas-sejbien tal-ħtija b'riżultat ta' proċediment ġudizzjarju bil-benefiċċju tad-doppju eżami wkoll fi grad ta' appell, jikkostitwixxi fatt stabilit li wera li x-

[17] Art. 629 tal-Kap 16
[18] Art. 623(ċ) tal-Kap 16
[19] Huwa jsemmi l-artikolu 660(ċ) tal-Kap 23 li jikkorrispondi mal-artikolu 623(ċ) tal-Kap 16

xhieda li tat l-attriċi ma kinitx il-frott ta' fantażija jew tas-suġġestjoni ta' l-omm. Huwa minnu li t-testatur seta' sab dik il-kundanna ta' ħtija bħala weġgħa li ma seta' jinsa qatt: iżda l-Qorti temmen bis-sħiħ li s-sejbien tal-ħtija tat-testatur tar-reati li kien mixli bihom ma kienx biss ir-riżultat waħdieni tax-xhieda mogħtija mill-attriċi (għalkemm kien fattur determinanti) iżda ta' provi oħrajn determinanti wkoll. Il-Qorti lanqas tista' twarrab minn quddiem għajnejha l-fatt li fl-istess sentenza t-testatur kien instab li kien reċediv. Ix-xhieda mogħtija mill-imħarrka[20] kienet affermazzjoni ta' kemm kien muġugħ u urtat missierha "b'dak li għamiltlu" l-attriċi. Dan m'huwiex il-prova tar-raġuni siewja tad-diżeredazzjoni li hija meħtieġa mil-liġi. It-ton u wħud mir-rimarki li l-istess imħarrka tuża fil-konfront tal-attriċi – għalkemm wieħed jista' jifhimhom fuq livell ta' emozzjoni – ma jistgħux jitqiesu li jgħinu wisq l-element tal-piż tal-prova tar-raġuni tajba tad-diżeredazzjoni;

Illi l-Qorti qegħda tqis ukoll, għall-finijiet tal-artikolu li fuqu t-testatur sejjes ir-raġuni tad-diżeredazzjoni, li lanqas kieku riedet, l-attriċi ma setgħet tagħmel xejn biex lil missierha teħilsu mill-ħabs. Fiż-żmien kollu li kienet għaddejja din il-ġrajja kerha u traġika, l-attriċi kienet taħt l-eta'. Fuq kollox, kif intwera, kien hemm raġuni meqjusa tajba għaliex it-testatur kien miżmum detenut u għalhekk ukoll ma jidhirx li kienu, fiċ-ċirkostanzi, japplikaw għall-każ id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu;

Illi, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru, l-Qorti qegħda tasal għall-fehma li r-raġuni li għaliha t-testatur neħħa 'l-attriċi għal kollox mill-wirt tiegħu ma kinitx raġuni tajba u ma tiswiex u għalhekk l-attriċi jistħoqqilha titlob is-sehem ta' leġittima merfugħ lilha bil-liġi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li r-raġuni msemmija mit-testatur fit-testment tiegħu fit-testment

[20] Fit-23.11.2001, f'paġġ. 142-8 tal-proċess

tiegħu tat-3 ta' Lulju, 1995, li biha qata' lill-attriċi 'l barra għal kollox mill-wirt tiegħu ma kinitx raġuni tajba fil-liġi, u għalhekk l-attriċi jistħoqqilha tirċievi s-sehem tagħha ta' leġittima mill-istess wirt ta' missierha;

**Tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet** tal-imħarrka; u

**Tordna li l-kawża tisskota** bil-ġbir tal-provi dwar it-talbiet l-oħrajn tal-attriċi dwar il-likwidazzjoni u l-ħlas tas-sehem ta' leġittima li għandha jedd għalih.

L-ispejjeż ta' din is-sentenza jitqiesu mas-sentenza tal-aħħar.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------